**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Skola Sekondarja tal-Ħandaq, ĦAL QORMI**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2014/2015**

**Livelli 6–7**

**L-EWWEL SENA** | **IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba)** | **IL-ĦIN: Sagħtejn**

**L-Isem u l-Kunjom:** ________________________________________ **Il-Klassi:** _______

## Istruzzjonijiet lill-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ(i) | Ċ(ii) | D(i) | D(ii) | Smigħ | Taħdit | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 13 | 15 | 12 | 12 | 8 | 20 | 10 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

## KUMMENTI

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

_______________________________________________________________

## IS-SILTA TAL-FEHIM MILL-QARI

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



David kien tifel fuq ruħu żżejjed u ġlieda kien jikolha. "Lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri," kien iħobb jirraġuna. "Tagħtini daqqa u ntik tnejn ħalli darb'oħra ma teħodhiex kontrija." (*par. 1)*

Għalhekk ma tantx kellu ħbieb. Ħafna ma kinux iridu jkellmuh. Ħadd ma kien irid joqgħod miegħu. *(par. 2)*

Nicholas, min-naħa l-oħra, kien il-maqlub ta' David. Kellu qalbu tad-deheb, dejjem imdawwar bil-ħbieb u kulħadd kien iħobbu. Ħadd ma seta' jgħid xejn ħażin fih, lanqas David. Ħadd, ħlief Mark. *(par. 3)*

Xi darba Mark kien wieħed mill-ħbieb tal-qalb ta' Nicholas. Iżda waqt logħba futbol, kif Nicholas kien se jiskorja, Mark resaq minn warajh, ġibdu mill-flokk u tajjarlu l-ballun. Nicholas tilef iċ-ċans li jiskorja f'partita li kienet importanti ħafna. Ir-referì ma ndunax bil-fawl u ħalla l-logħob għaddej. B'hekk rebaħ it-tim ta' Mark. Nicholas ħadha bi kbira u qatt aktar ma ried ikellem lil Mark. *(par. 4)*

Meta Mark ra li kien tilef il-ħbiberija ta' Nicholas, beda jgħir għalih. Beda jxewwex lil kulħadd kontra Nicholas. Kien iwaqqgħu għaċ-ċajt quddiem kulħadd. Nicholas tilef ħafna mill-ħbieb li kellu għax emmnu l-gideb ta' Mark. Spiċċa mwarrab kważi minn kulħadd. *(par. 5)*

Nicholas ftakar f'David. It-tnejn ma kinux maħbuba u t-tnejn kienu mdejqin għax tilfu l-ħbieb. Imma waqt li David kien kattiv, Nicholas qatt ma għamel deni lil ħadd. Ġralu dak li ġralu minħabba Mark. Nicholas induna li bniedem wieħed jista' jagħmillek ħajtek infern. *(par. 6)*

Għalhekk, jekk trid li tgħix kuntent, tagħmilx għedewwa. Għandna nieħdu ħsieb lil xulxin u napprezzaw lil dawk ta' madwarna għax min ikun sab ħabib, ikun sab teżor! *(par. 7)*

## A. IL-FEHIM MILL-QARI **(13-il marka)**

**1.** Għaliex David kien tifel fuq ruħu żżejjed?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________ (marka)

**2.** Għaliex ħafna ma kinux iridu joqogħdu miegħu?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________(marka)

**3.** Minflok ***'lili ħadd ma jagħmilli bżieq fuq imnieħri'*** nistgħu niktbu ____________________

____________________________________________________________________ (marka)

**4.** ***Agħżel it-tajba:***

**a.** Xi tfisser **'Kellu qalbu tad-deheb'?**

i. kien kattiv ħafna ☐

ii. qalb li tiswa ħafna flus ☐

iii. iħobb jgħin lil kulħadd ☐ (marka)

**b.** Xi darba

i. Nicholas kien ħabib ta' Mark ☐

ii. Mark kien ħabib ta' David ☐

iii. David kien ħabib ta' Nicholas ☐ (marka)

**5.** Xi ġralu Nicholas meta Mark ġibdu mill-flokk u tajjarlu l-ballun?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________ (marka)

**6.** Għaliex ir-referì ħalla l-logħob għaddej?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(marka)

**7.** Nicholas ma baqax ħabib ma' Mark għax:

i. Mark tajjarlu l-ballun. ☐

ii. Mark ġibdu mill-flokk. ☐

iii. minħabba Mark, Nicholas tilef iċ-ċans li jiskorja f'logħba importanti. ☐

(marka)

**8.** X'beda jagħmel Mark meta ra li Nicholas ma riedx ikellmu iżjed?

______________________________________________________________________

____________________________________________________________________(marka)

**9.** Xi ġralu Nicholas minħabba l-gideb ta' Mark?

______________________________________________ (marka)

**10.** Għamel sewwa Mark meta beda jpattiha lil Nicholas? Għaliex?

______________________________________________

______________________________________________ (marka)

**11.** Kif kont tħossok int li kieku kont minflok Nicholas u tara lil Mark jgħid dawk il-qlajjiet kontrik?

______________________________________________

______________________________________________ (2marki)

## B. IL-GRAMMATIKA (15-il marka)

### Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

Linja tal-ajru Olandiża impjegat ġeru li jġib l-isem ta' Sherlock, biex jgħinha tidentifika l-passiġġieri li jkunu ħallew xi oġġett warajhom fuq l-ajruplan. Sherlock, li ġeneralment jilbes uniformi blu, ixomm l-oġġetti u wara jmur ifittex lis-sidien tagħhom fl-ajruport. Il-kelb jidher jiġri fl-ajruport b'mowbajls, b'pupi u anke bi ċwievet. Sherlock ingħata t-taħriġ meħtieġ u issa tista' tgħid li sar l-istilla tal-ajruport, bi klijenti jieħdu stessi miegħu kull ħin u kull mument.

*(Silta adattata mis-sit newsbook.com.mt)*

**1.** Ikteb il-kliem b'rig taħtu wara xulxin skont l-ordni alfabetika.

_______________ _______________ _______________ _______________

(2 marki)

**2.** Mill-paragrafu sib kelma li **tibda**:

**a.** b'konsonanta xemxija: _______________ (marka)

**b.** b'konsonanta qamrija: _______________ (marka)

**3.** Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' sing taħt **il-vokali tal-leħen** jew **il-vokali tal-kelma**.

**a.** Fil-frażi *linja tal-ajru Olandiża impjegat ġeru* ... il-vokali **i** ma nwaqqgħuhiex għaliex dik insejħulha l-vokali (**tal-leħen / tal-kelma**). (marka)

**b.** Fil-kelma l-**i**stilla l-vokali (**tal-leħen / tal-kelma**) tinqala' minn mal-artiklu u tmur mal-kelma biex inkunu nistgħu ngħidu l-kelma aħjar. (marka)

**4.** Daħħal **l-artiklu** f'dawn is-sentenzi.

Sherlock huwa ____kelb li jaħdem mal-linja tal-ajru Olandiża. Dan dejjem jara li jfittex ____sigurtà tal-passiġġieri. (marka)

**5.** Agħti l-**Mamma** u l-**Għerq** ta' dawn il-verbi.

| | VERB | MAMMA | GĦERQ |
|---|---|---|---|
| **a.** | ixomm | | |
| **b.** | jidher | | |
| **ċ.** | jiġri | | |
| **d.** | tista' | | |

(8 marki)

## Ċ(i) IL-LETTERATURA: IL-POEŻIJA - Nadriet 1 ta' Tarċisju Zarb (12-il marka)

**1**. Din hija silta mill-poeżija **San Franġisk u l-Gamiem** ta' **Ġużè Delia**



**Kellu f'idu, miġbura magħluqa**
**Ġewwa qafas, xi ftit gamimiet,**
**Rixhom sbejjaħ u griżi u melliesi**
**Ħars'thom ħelwa, bħal mewġ fil-qaliet.**

**a.** Din l-istrofa fiha erba' versi u tissejjaħ (kwartina — sestina — terzina).

**b.** Ir-rima ta' din l-istrofa nsejħulha (mbewsa — mqabbża — ħielsa).

**ċ.** Il-gamiem kienu ta' lewn ____________________ u r-rix tiegħu kien __________________ u ______________________.

**d.** Il-gamiem kien qiegħed ġo ________________________.

**e.** _________________________ qal lit-tifel biex ________________________ lill-gamiem.

**f.** Il-ħarsa tal-gamiem hija mxebbha mal-_________________________________________.

(marka l-waħda = 9 marki)

**2.** Agħżel it-tweġiba t-tajba billi **timmarka X fil-kaxxa**. *(3 marki)*

| | | | |
|---|---|---|---|
| **a.** | Fil-poeżija **Il-Ħolma t'Alla** ta' Anton Buttigieg, il-poeta | | jsejħilna "ħabib". |
| | | | jsejħilna "nies". |
| | | | jsejħilna "poplu." |
| | | | |
| **b.** | Fil-poeżija **Il-Bikja tal-Buskett** ta' Oliver Friggieri, il-poeta | | jixtieq isir siġra. |
| | | | jixtieq isir ġebla. |
| | | | jixtieq isir għasfur. |
| | | | |
| **ċ.** | Fil-poeżija **Tifħira lil Malta** ta' Ġan Anton Vassallo, il-poeta | | jfaħħar is-swar ta' Malta. |
| | | | jfaħħar il-frott u l-għasel ta' Malta. |
| | | | jfaħħar il-festi ta' Malta. |

## Ċ(ii) IL-LETTERATURA: IL-PROŻA - Zito Zandarell ta' Carmel G. Cauchi (12-il marka)

**A. Qabbel Kolonna A ma' Kolonna B. L-ewwel waħda lesta.** *(6 marki)*

| | **Kolonna A** | | **Kolonna B** |
|---|---|---|---|
| **1.** | Lorella hija | | waqqa' lill-kanarin mal-art. |
| **2.** | Darba Lorella ħadet | | ma setax ma jgħinx. |
| **3.** | Hector Brincat ta' bully li kien | | ffriża id Hector biex ma jkomplix jiġġieled. |
| **4.** | Il-kanarin kien | | lill-kanarin tagħha l-iskola. |
| **5.** | Meta Zito ra dak li kien ġara | | u salva lil Daffodil. |
| **6.** | Zito uża l-poteri tiegħu | **1.** | l-ħabiba ta' Melissa. |
| **7.** | Aktar tard Zito | | qiegħed imut. |

**B. Agħmel sinjal fil-kaxxa tat-tweġiba t-tajba:** ☑ (6 marki)

**1.** L-ewwel darba li t-tfal raw lil Zito kienu:
- **a.** il-Belt. ☐
- **b.** il-Buskett. ☐
- **ċ.** il-Mellieħa. ☐

**2.** Il-ġenituri kellhom ħsara fil-boxxla u
- **a.** kellhom jagħmlu nżul ta' emerġenza. ☐
- **b.** kellhom idawru r-rotta. ☐
- **ċ.** kellhom jinżlu fi pjaneta qrib id-dinja. ☐

**3.** Il-familja Debono qalu lil kulħadd li
- **a**. Zito kien Ingliż. ☐
- **b.** Zito kien it-tifel tagħhom. ☐
- **ċ.** Zito kien Brażiljan. ☐

**4.** Zito ra t-tifel ta' Christine fuq il-bejt u
- **a.** qal lil ommu biex tlibbsu beritta. ☐
- **b.** beda jxejjirlu. ☐
- **ċ.** qabeż minn fuq bejt għal ieħor biex isalvah. ☐

**5.** Is-Sur Vassallo kien
- **a.** l-għalliem tal-Arti. ☐
- **b.** l-għalliem tal-isport. ☐
- **ċ.** l-għalliem tal-mużika. ☐

**6.** It-tifla tas-Sur Vassallo kienet: għamja ☐ truxa ☐ muta ☐.

## D(i) IL-KITBA FUNZJONALI (8 marki)

Nhar il-Ħadd li għadda mort tiekol f'restorant mal-familja tiegħek iżda ħriġt iddiżappunt/a mill-ikel u mis-servizz. Ikteb ittra formali ta' madwar **50 kelma** lil sid ir-restorant biex turi l-ilmenti tiegħek.



Merħba,
Triq il-Ħamiem l-Abjad,
Birżebbuġa.

Ikel tajjeb,
Triq il-Baħar l-Imqalleb,
Wied il-Għajn.

***Xi punti li tista' tuża:*** x'okkażjoni kienet – pożati maħmuġa – ikel maħruq jew mhux imsajjar sew – dewmien żejjed – post maħmuġ – parir.

_________________________

_________________________,

Dejjem tiegħek,

_________________________

## D(ii) IL-KOMPONIMENT **(20 marka)**

Immarka **<u>wieħed</u>** mit-titli li jolqtok u ikteb komponiment ta' madwar **150** kelma fuq karta separata.

1. **Kien is-Sibt filgħaxija meta sibt ruħi waħdi d-dar u f'daqqa waħda nqata' d-dawl! Kompli din l-istorja...** *(Għaliex kont waħdek id-dar? X'kont qed tagħmel? X'għamilt kif inqata' d-dawl? X'ġara waqt li kont bla dawl: smajt ħoss ġej minn fuq il-bejt / ħabbat il-bieb / waqajt u weġġajt, meta u kif ġie lura d-dawl? X'għamilt kif ġie d-dawl?)*

2. **Ilbieraħ rajt film li tassew għoġobni u ser nissuġġerih lil sħabi kollha tal-klassi!** (*mara tgħix waħidha, idoqq it-telefown f'nofs ta' lejl, ħallelin, rapport lill-pulizija, sewqan eċċessiv, sparar, arrest*).

3. **Dakinhar indunajt li Toni kien ħabib / Tonia kienet ħabiba tassew. Ikteb l-istorja.** *(Min hu Toni/ hi Tonia? Daqsek, ikbar jew iżgħar minnek? Tmorru skola flimkien? Kif iltqajtu u sirtu ħbieb? X'jogħġbok l-iktar f'din il-persuna? X'għamlet miegħek din il-persuna biex indunajt li hu ħabib / hi ħabiba tassew? X'tip ta' għajnuna tak/tatek? Xi parir tajjeb? Qabeż/qabżet għalik ma' xi ħadd? Tkellmet favur tiegħek?)*

**PJAN TAL-KOMPONIMENT: Spazju biex tagħmel il-pjan tal-kitba tiegħek.**